MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 5/2004

**Patricia Ann Needham**

**vs**

**Dottor Carmelo Galea li b'digriet tal-11 ta' April 2000 gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-imsiefer Nicholas Needham**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Peress illi l-konvenut nomine ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' hames mija u tnejn u hamsin lira Maltin (Lm552) bhala arretrati ta' manteniment dovut lilha skond digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja (Digriet Numru 125/99) fis-sittax (16) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999) (Dok A) u dana ghall-perijodu bejn Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003) u Jannar tas-sena elfejn u erbgha (2004).

Il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas ukoll l-imghaxijiet fuq dan l-ammont u l-ispejjes ta’ din il-procedura.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.”

Ra r-risposta:

“Illi qabel xejn l-eccipjenti jixtieq jissolleva l-eccezzjonijiet tal-*lis alibi pendens* stante illi l-materja tal-alimenti dovuti lill- jew pretizi mill-attrici jiffurmaw il-meritu ta’ kawza illi tinsab pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet odjerni, Citazzjoni numru 56/00.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda fid-dritt u fil-fatt u dan ghaliex almenu sa fen jirrizulta lill-eccipjenti, Nicholas Needham dejjem hallas l-alimenti dovuti lill-attrici u din dejjem accettat il-pagamenti mensili a saldu tal-pretensjonijiet taghha f’dak ix-xahar partikolari.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.”

Ikkunsidra:

Illi l-attrici qieghda titlob lil dan it-Tribunal biex jikkundanna lill-konvenut zewgha ghall-hlas ta’ manteniment provizorju ordnat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-gurisdizzjoni volontarja taghha tas-16 ta’ Dicembru 1999.

Illi l-imsemmi ordni tal-Qorti  hija digriet mahrug skond artiklu 470(1) ta’ Kap 12 u li  skond artiklu 480(3)(a) tal-istess Kap huwa titolu ezekuttiv meqjus bhala inkluz fost id-digrieti msemmija fl-artiklu 253 tal-istess kap u li huwa ezegwibbli wara erbgha u ghoxrin siegha mill-ghoti tieghu bil-mezz ta’ xi att ezekuttiv imsemmi fl-artiklu 273 tal-istess kap bl-istess mod u taht l-istess kondizzjonijiet kif jigu ezegwiti atti bhal dan.  Ghalhekk l-attrici ma kellha l-ebda nteress guridiku li tintavola l-kawza odjerna billi hija

preordinata ghall-otteniment ta’ titolu ezekuttiv illi l-attrici diga’ ghandha.

Illi barra minn hekk, l-imsemmi digriet huwa, skond l-artiklu 480(3)(b) ta’ Kap 12, esegwibbli mill-Qorti ta’ gurisdizzjoni kontenzjuza li quddiemha tista’ tingieb jew tkun pendenti azzjoni ghal separazzjoni personali. Sentenzi ta’ dan it-Tribunal huma esegwibbli mill-Qorti tal-Magistrati fil-kompetenza taghha inferjuri u ghalhekk kieku dan it-Tribunal kellu jasal biex jaghti sentenza kif qieghed jigi mitlub illi jaghmel, ikun hemm sentenza li ma tistax tigi esegwita.

Illi ghalhekk il-mertu ta’ din il-kawza jezorbita mill-kompetenza ta’ dan it-Tribunal li wara kollox l-anqas biss huwa Qorti u ghalhekk ghandu kompetenza biss f’dawk il-kazi lilu konferiti b’mod car mil-ligi. Ghalkemm ma saret l-ebda eccezzjoni f’dan is-sens, l-inkompetenza tat-Tribunal hija ta’ ordni pubbliku u ghalhekk qieghda titqajjem minnu *ex officio.*

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara li m’ghandux kompetenza li jisma’ t-tilwima mertu ta’ din il-kawza u ghalhekk jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-istess.

L-ispejjez jigu sofferti mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------